MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 66/2003

Il-Pulizija
(Spettur S. Galea)
Vs

Carmelo Borg

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta’ Frar, 2003 ghall-habta ta’ 11.40 a.m. gewwa hanut Borg Furniture, Triq Santa Katerina, Gharghur, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija fetah jew zamm hanut tax-xoghol jew hadem arti jew sengha illi jistghu jdejjqu l-girien jew irwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha (spray) jew irwejjah li jaghmlu d-deni jew li jaghtu fastidju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Mejju, 2003, li biha wara li rat l-Artikolu 130 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu LM 20 amenda.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Mejju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza moghtija minn l-Ewwel Qorti w tillibera lill-akkuzat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xhieda ta’ PS 586 Joseph Brincat fis-seduta tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduta tal-lum ;

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih irrimetiet ruhha ghat-trattazzjoni tad-difiza u ghal gudizzju ta’ din il-Qorti;

Ikkonsidrat ;

Illi rrizulta illi quddiem l-Ewwel Qorti ma ngabietx l-ahjar prova dwar x’tip ta’ licenzja kellu l-appellant u jidher li l-Ewwel Qorti minflok strahet biss fuq id-depozizzjoni tas-Surgent Brincat li zgur li ma tistghax titqies li hi l-ahjar prova. Wiehed kien jistenna li l-Prosekuzzjoni tesebixxi l-licenzja jew licenzji kollha tal-Kummissarju tal-Pulizija li kellu f’idejh l-appellant fiz-zmien in kwistjoni, izda dan ma sarx.

Illi in vista ta’ dan u anki in vista tal-fatt li l-Prosekuzzjoni rremetiet ruhha fuq l-aggravju li ma kienitx ingabet l-aqwa prova, il-Qorti tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------